# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

**Bżar fil-baħar!**



**monakella imperjali**

Numru 56

Mejju - Ġunju 2003

# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| il-kaċċamendula | 5 |
| attività | 6 |
| gallerija | 6 |
| SPOTNATURA: ħalib it-tajr | 7 |
| FALKO | 8 |
| In-Negozju fin-Natura | 9 |
| sittsaqajn | 10 |
| ittri | 10 |
| inkredibbli | 10 |
| mur aqbad ktieb | 11 |
| daħħal membru | 11 |
| kartolini ġodda! | 12 |




leopardi

editorjal



## Ħbieb Ħuttaf...

Kemm naqsu l-friefet ħej! Meta jien kont daqskom (mhux xi elf sena ilu!!) il-friefet kienu ħafna iktar komuni. Tgħid għaliex naqsu hux?

Forsi qed jaqbduhom in-nies? Veru għad hawn xi kollezzjonisti li jaqbdu l-friefet biex taparsi jistudjawhom (proprjament biex ifaddluhom bħalma l-kaċċaturi jfaddlu l-għasafar ibbalzmati). Imma le, ħbieb, il-friefet l-iktar li naqsu għax qed noqtluhom bil-ġuħ!

Il-friefet jieklu l-pjanti. Anzi biex inkun iktar eżatt: il-friefet jixorbu mill-pjanti, u *l-frieħ tagħhom* jieklu l-pjanti! Issa jekk dawn ma jsibux pjanti, ħeqq se jmutu. U aħna qed noqtlulhom, qed naqtgħulhom u anke qed nivvelenawlhom il-pjanti (bil-bexx)!

Għiduli kif se jgħixu l-friefet b'din il-gwerra kontrihom?!



Il-friefet mhux kull pjanta l-istess għalihom. Il-farfetta tgħidx kemm iddum iddur biex tbid il-bajd tagħha fuq il-pjanta xierqa. Għax ix-xgħat (caterpillars) ma jiklux kollox. Iridu dejjem l-istess tip jew ftit tipi ta' pjanti. Fil-fatt ħafna friefet imsemmijin għall-pjanta li jbidu fuqha. Per eżempju hemm il-farfett tal-bużbież, il-farfett taż-żiju, il-farfett tal-kromb, il-farfett tal-ħurrieq u salt oħrajn.



Il-problema hi li dawn il-pjanti għal ħafna nies huma "ħaxix ħażin" li mhu tajjeb għal xejn. Mhu veru xejn! Il-vizzju li nqaċċtu jew li nbexxu kull werqa selvaġġa li tikbrilna fil-ġnien hija manija bla sens. Hawn min jippreferi ħamrija mikxufa u ċassa milli ħamrija miksija ġarġir, lellux, fidloqqom, pepprin u bużbież. Jien ngħid għalija ġnien irridu ħaj u kollu kuluri, mhux ċappa art kannella bla gost!

Jien ċert li l-friefet jaqblu miegħi. U nispera li intom ukoll!



Victor

**Victor Falzon**
Editur

mal-faċċata



Il-**monakella imperjali** (turnstone - *Arenaria interpres*) jgħidulha hekk għax qisha monakella ġganta! Tħobb ix-xtut, u l-gost tagħha tqalleb ċagħaq u ġebel żgħir b'munqarha għal xi dudu moħbi. Mhux ta' b'xejn bl-Ingliż jgħidulha turnstone.


### kumitat klabb ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo

indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin ilhuttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **monakella imperjali** - ritratt ta' Ray Galea
Faċċata ta' wara: **kartolini ġodda**
Films: Scancraft Studios. Stampat: Poulton's Print Shop, May 2003

EURONATUR
Ħajr lil EURONATUR


Klabb Ħuttaf

**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# Sett kuċċaruni!



"..daru dawra mar-riserva, għolew..."

Victor Falzon



"..jistrieħu u jitnaddfu fir-riserva..."

Victor Falzon

Kmieni filgħodu nhar it-8 April 2003 il-gwardjan ta' l-Għadira sab sorpriża tistennih fir-riserva, anzi 17-il sorpriża! Kienu qatgħa **paletti** (eurasian spoonbill, *Platalea leucorodia*) li niżlu jistrieħu fl-ilma baxx tar-riserva.

Dan l-għasfur kbir u abjad mhux komuni f'Malta, u meta jidher issoltu dejjem itir ikun. Għalhekk xena ta' 17-il paletta jistrieħu u jitnaddfu fir-riserva mhijiex dehra ta' kuljum. Il-munqar kbir qisu kuċċarun iswed żgur li huwa wieħed mill-iktar imnaqar strambi li jeżistu fuq għasfur. Mhux għalxejn l-smsijiet bdew għaddejin bl-addoċċ, sa ma nġabret qatgħa oħra l-Għadira: diddarba qatgħa berdwoċers!

F'xi 10.30am il-paletti taru, daru dawra mar-riserva, għolew u ġibdu lejn il-baħar. Għedna "Għall-erwieħ!" għax bżajna li jekk itiru fil-baxx il-kaċċaturi jbiċċruhom, allavolja konna nfurmajna lill-Pulizija, li malajr ġew.

Imma aktar tard dakinhar smajna li xi kaċċaturi qatlu 8 paletti...

## Seven minus four!

Fl-4 Mejju 2003, berdwoċer tal-BirdLife ra 7 **agretti sofor** (squacco heron, *Ardeola ralloides*) deħlin minn fuq il-Ġnejna. F'daqqa waħda tfaċċaw 3 kaċċaturi f'dgħajsa. Dawn il-vili sparaw fuq l-agretti, waqqgħu 4 minnhom, ġabruhom, tefgħuhom f'borża u marru jaħbuhom f'bowtħaws. Il-berdwoċer fil-pront ċempel lill-ALE (pulizija) li ġew, daħlu fil-bowtħaws u sabulhom l-agretti, li mid-dehra kienu qed jippruvaw jifflaxxjawhom fit-tojlit! Wieħed mill-kaċċaturi għandu jittella' l-qorti.



Victor Falzon



# Bżaru ġdid!

Fit-3 Mejju 2003 seħibna Mark Falzon (li jikteb *Nittrumbjaw fuq*) kien qed jgħum fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini f'Għawdex. Huwa u jħuf bil-maskra f'xi 2.5m fond, ħdejn bokka ta' toqba fil-blat ra ħuta żgħira (xi 8ċm) safra b'rasha sewda. Naħseb dak il-ħin Mark qata' nifsu bil-ferħ, għax dik il-ħuta kienet il-**Yellow Triplefin** (*Tripterygion delaisi*). S'issa f'Malta dil-ħuta kienet għadha qatt ma' nstabet, jew għall-inqas fil-kotba u l-listi ta' ħut Maltin qatt ma ssemmiet!

Fil-fatt dil-ħuta kien għad m'għandhiex isem Malti, u għalhekk Mark sejħilha **Bżaru Isfar**. Il-bżaru isfar iħobb postijiet dellin fejn jagħmel il-bejta f'ħofra fil-blat, li fiha l-mara tbid il-bajd. Dak li ra Mark kien raġel, li mill-imġiba kien mid-dehra qed jindokra l-bejta.

Din mhix l-ewwel darba li Mark sab ħut ġdid għal Malta (ara Ħuttafa 27). U aħna tal-*Ħuttafa* kburin li qed inkunu l-ewwel publikazzjoni li nħabbru din is-sejba! Prosit Mark, ibqa' ħuf!

# Klamar Kolossali







Munqaru ikbar minn tal-pappagalli!

Dan l-aħħar fil-Baħar Ross (fl-Oċean Antartiku) sajjieda tellgħu ġisem ta' klamar ta' l-ispeċi *Mesonychoteuthis hamiltoni*, li bl-Ingliż qed isejħulu **colossal squid**! Għaliex? Għax ġismu biss (bla ma tgħodd it-tentakli enormi) huwa twil 2.5m. Mhux hekk biss, imma min eżaminah qal li dan l-annimal kien għad baqagħlu x'jikber kważi d-doppju, kieku baqa' ħaj! Dan il-klamar mostruż ilhom jafu bih, imma qatt s'issa ma kienu għadhom sabu ġisem sħiħ.

Ix-xjenzat li studjah qal li dan mhux annimal li tkun tixtieq tiltaqa' miegħu int u tgħum!

## Garnija Anjzana

Studjuzi ta' l-għasafar fuq Bardsley Island (ħdejn Wales) sabu garnija ta' 52 sena! Kif jafu? Tgħid talbuha l-identity card?! Le, jafu għax fuq sieqha kellha ċurkett li kien twaħħlilha mir-ringers fl-1957 (meta l-għasfur kellu diġà xi sitt snin). Jikkalkulaw li din il-garnija taret mat-8 miljun kilometru!

Kemm jgħixu l-għasafar hija waħda mill-affarijiet li nitgħallmu mill-istudju tar-ringing. Xi sentejn ilu ringers tal-BirdLife fuq Filfla qabdu kanġu ta' 27 sena! It-tajr tal-baħar jgħix ħafna iktar minn tajr ta' l-art. Per eżempju għasfur tal-bejt, li huwa daqs il-kanġu, ikun b'xortih jekk jgħix tmien snin!






Ftit ilu fil-port ta' Eilat fl-Iżrael tellgħu kelb il-baħar tar-razza *tiger shark*. Fl-istonku sabulu...
1) fdalijiet ta' qerd in-naħal
2) skeletru ta' muntun
3) żewġ vażetti majoneż... issiġillati!

## Anġlu kustodju fil-Kambodja!




Angelina Jolie hija attriċi famuża. Imma mid-dehra minbarra li tħobb taħdem fil-films, tħobb ukoll in-natura.

Waqt li kienet qed taħdem il-parti ta' Lara Croft għall-film Tomb Raider, kellhom bżonn imorru l-Kambodja. Jolie tant għoġobha dal-pajjiż li ddeċidiet li tagħti $5,000,000 biex jipproteġu biċċa foresta tropikali kważi daqs Malta. Prosit Angelina Jolie!

Issa mhux tajjeb kieku xi wieħed mill-atturi li se jaħdmu fil-film Troy jagħtu donation żgħira lill-Foresta 2000!? Wara kollox, wieħed mis-settijiet għall-film bnewh viċin ħafna tal-proġett tagħna!

# il-kaċċamendula

Mark Anthony Falzon



J H Johns

bl-ingliż **woodchat shrike**
xjentifiku ***Lanius senator***

**Il-kaċċamendula hija għasfur li tikkopera mal-berdwoċer, għax tħobb toqgħod dritta ħafna fil-quċċata ta' xi siġra jew pjanta għolja, u tippoża fejn tidher!**

Fil-fatt nafu li tagħmel hekk mhux veru biex tippoża, imma għax tkun qed tgħarrex għall-priża. Imma huwa veru wkoll li hija għasfur pjuttost mans u jekk timxilha bil-mod,kapaċi tħallik tersaq viċin lejha sew.

Il-kaċċamendula hija għasfur mill-isbaħ. Hija ikbar minn Tal-Bejt u għandha denbha twil. Il-kulur ivarja skond iż-żmien tas-sena u skond s-sess. Ir-raġel ikun iswed fuq daħaru u abjad jagħti fir-roża minn taħt. Il-qurriegħa ta' rasu u fuq għonqu huma kannella kważi fl-aħmar. Għandu wkoll dabra kbira bajda fuq spallejh, u denbu huwa iswed bit-truf bojod. In-nisa u l-għasafar ta' l-ewwel sena li naraw fil-ħarifa jkunu inqas kuluriti: l-iswed mhux daqshekk ileqq, u flok abjad x'aktarx ikollhom kafellatte. Il-munqar huwa skur u b'saħħtu, jixbaħ ftit lill-dak tat-tajr tal-priża.

Fil-fatt il-kaċċamendula tikkaċċja insetti kbar bħal friefet u ħanfus, kif ukoll kultant rettili, l-aktar gremxul.

Tħobb ambjenti miftuħin b'siġar imxerrdin u arbuxxelli. F'Malta nsibuha ta' spiss fix-xagħri, imma anke f'widien u msaġar, dejjem imperrċa fuq xi wajer tad-dawl jew xi ferla. Kemmuna hija post tajjeb ħafna għaliha, forsi għax hemmhekk ħadd ma jisparalha. Kultant fir-rebbiegħa jiġu ġranet meta wieħed jara anke sa 30 kaċċamendula fuq Kemmuna!

Hi aktar komuni fir-rebbiegħa, f'liema żmien mhux rari tismagħha tgħanni l-għanja sabiħa tagħha. Kważi kull sena tipprova tbejjet, x'aktarx f'xi ħarruba kbira f'xi post fejn ma jkunx hemm kaċċaturi. Ornitoloġi ta' l-imgħoddi bħal Despott jgħidulna li fl-antik kienet tbejjet aktar spiss.

Hemm speċi oħrajn ta' kaċċamendul li jżuru Malta. Il-**kaċċamendula ħamra** tidher l-iktar fil-ħarifa, imma hija skarsa. Il-**kaċċamendula griża** u l-**kaċċamendula griża prima** huma għasafar tal-ħolm, fis-sens li huma rari ħafna. Biżżejjed ngħidilkom li fi 15-il sena berdwoċing, jien qatt ma rajt waħda!

| J | F | M | A | M | Ġ | L | A | S | O | N | D |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | |

Il-kaċċamendula tidher l-iktar fir-rebbiegħa.



**kaċċamendula ħamra**



**kaċċamendula griża**




Jason Aloisio (kuntent bid-digital camera l-ġdida!)

Wieħed mill-gruppi tal-Klabb li marru l-ħarġa għall-Kemmuna fl-4 Mejju 2003. Ħarġitilhom ġurnata bnazzi, u hawnhekk qed jagħmlu waqfa biex jieklu xi ħaġa fid-dell tat-torri ta' Santa Marija.

# Kwiżż bis-Sens!

Darba għamilnieh u konna veru ħadna gost! Għalhekk se nerġgħu nagħmluh - KWIŻŻ differenti li fih nużaw is-sensi kollha tagħna. Iva l-ħamsa li huma! Dal-kwiżż ma tistudjax għalih - jekk is-sensi tiegħek jaħdmu, mela allura għandek tmur tajjeb. Naraw min minnkom jisma' daqs radar, ixomm daqs kelb u għandu għajnejn ta' seqer! Ejjew ħudu pjaċir! U tgħallmu fl-istess ħin.

data **il-Ġimgħa 27 Ġunju 2003**
ħin **6pm-8.30pm**
post **Skola Primarja Floriana**
prezz: **75ċ** (fil-bieb)
eta: **etajiet kollha**

10




## gallerija



**ġiraffa**
Eleanor Spiteri 12



**żrinġ**
James Gauci 10



**gawwija prima**
André Camenzuli 12



**serduq***
Jonathan Gaffarena 10



**ċiefa**
Veronica Barbara 12

* Dan mhux żball! Dat-tip ta' granċ veru jgħidulu serduq!

## Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom

**Nieħdu gost inġibu t-tpinġija tagħkom fil-magażin. Imma tpinġux bil-kulur, u jekk tistgħu użaw bajrow jew feltpen iswed. Tinsewx isimkom, età u l-isem tat-tpinġija. Tistgħu tibagħtu t-tpinġijiet ukoll bl-imejl (jpeg jew gif).**

3

# Ħalib it-Tajr

Jason Aloisio




Waħda mill-fjuri sbieħ li nsibu tikber fil-kampanja Maltija hija l-**Ħalib it-Tajr Kbira**. Din hija pjanta li tikber minn basla mdaqqsa li ġeneralment tkun imdawra b'basal żgħir ieħor. Il-fjura tikber fuq zokk li jogħla sa 60ċm. Fil-fatt kull zokk jagħmel madwar 12-il fjura. Il-fjura tal-Ħalib it-Tajr hija bajda u jkollha riħa tfuħ. Fil-qalba tagħha jkollha bħal żibġa kbira sewdinija u tleqq.

Il-Ħalib it-Tajr hija waħda mill-aktar fjuri li jolqtu l-għajn li nsibu fil-kampanja tagħna. Insibuha tikber mal-ġnub ta' l-għelieqi, speċjalment f'għelieqi mitluqin, kif ukoll fix-xagħri. Twarrad f'April u f'Mejju.

Hija ħasra li s-sbuħija tal-fjura spiss tikkaġuna l-qerda tagħha. Għad fadal ħafna nies li jaqtgħu l-fjuri selvaġġi u jneżżgħu l-kampanja Maltija mill-ilwien li tant iżejnuha. Il-fjuri maqtugħin ma jiddakkrux u ma jagħmlux żerriegħa. Mingħajr żerriegħa ma jkunx hemm pjanti oħrajn is-sena ta' wara. Minħabba li n-nies jaqtugħa, il-Ħalib it-Tajr naqset ħafna mill-kampanja tagħna.

# *Kompetizzjoni 56*

*Norman Chetcuti (Count Duckula)*

## Mhumiex l-istess!

Dan huwa **Kuluvert tas-Salib**, borka sabiħa ħafna. Imma r-ritratt ta' isfel għamilnielu xi tibdiliet. Ara ssibx **8 differenzi**, u ibgħat għidilna liema huma. Tqasqasx il-magażin għax ma tirbaħx żgur. Tista' tibgħatilna t-tweġibiet bl-imejl (ara paġna 2). Ir-rebbieħ jingħata sett kartolini mill-ġodda. Żmien għandek sa **30 Ġunju 2003**.





*Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 55 kienet **Giannella Farrugia** mill-Fgura. Prosit Giannella, il-kalendarju daqt ikun għandek.*



# Ħbieb Falkuni!

Għadni kemm fittixt fil-Google (www.google.com.) għal "environment birds". Ir-raba' sajt li telgħet kienet id-*Directive 79/409/EEC* ta' l-Unjoni Ewropea, jew kif inhi aktar famuża, il-**Birds Directive**.

Direttiva hija liġi li tinħareġ mill-Unjoni Ewropea (UE), u li l-pajjiżi membri jridu jobdu. Il-Birds Directive ħarġet fl-1979 u hija liġi tajba ħafna għall-għasafar.

Is-sena d-dieħla Malta wkoll ser tkun membru ta' l-UE, u għalhekk dil-liġi jkollna ndaħħluha. U hawn: dil-liġi vera tal-ġenn! Per eżempju, ma tħalli ebda kaċċa fir-rebbiegħa! U nsib xejn is-sena kollha! Qed ngħidilkom, kull ambjentalist jogħxa jaqraha!

Il-ħmerija tafu x'inhi? Li kif saru l-liġijiet tal-kaċċa f'Jannar li għadda, f'Malta l-kaċċa fir-rebbiegħa mhux ser tieqaf!

Sfortunatament dan jista' jiġri, għax il-Birds Directive tgħid ukoll li pajjiż jista' jħalli kaċċa għal numru żgħir ta' għasafar anke fir-rebbiegħa, basta jkun hemm raġuni u basta l-kaċċa ssir bil-għaqal. Il-gvern qed jgħid li fir-rebbiegħa se jħalli ssir biss kaċċa għall-gamiem u s-summien, għax "ma tantx jinqatlu minnhom Malta". Dażgur, daqs li kieku fuq dawk biss ser jisparaw! Dil-passa, mill-għasafar feruti kollha li ġbarna mingħand in-nies li jċemplulna, WAĦDA BISS kienet gamiema! L-oħrajn kienu kollha tajr protett bil-liġi, fosthom għasafar fil-periklu li jinqerdu bħall-ispanjulett sekond!

Il-Birds Directive hija liġi li tħares lill-għasafar kif jixirqilhom, u Malta kien imissha aċċettatha kif inhi, u daqshekk! Imma aħna tal-BirdLife diġà bdejna naħdmu biex inġiegħlu lil-gvern jagħmel hekk, u mhux ser nieqfu qabel jirnexxielna...

Justin



**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO

# Ħajk fi Frar ...rapport

*Nhar it-2 Frar 2003 iltqajna l-Belt ħdejn tal-ħalib kmieni kmieni filgħodu. Jew minħabba t-temp jew minħabba n-ngħas, did-darba konna biss erba' membri, imma xorta waħda kienet attività mill-isbaħ. Nilqgħu magħna lil Mark, li beda jiġi għall-ħarġiet.*

*Kif wasalna ż-Żurrieq irħejnielha għall-kampanja. Ma damitx ma qabditna xita qawwija, imma malajr sibna fejn nistkennu. Però mn'alla l-ħajk ma ħassarniehx għax imbagħad fetaħ l-ajru u komplejna f'temp il-ġmiel tiegħu. Fuq il-baħar rajna l-gawwi u ċ-ċief.*

*Fix-xitwa l-kampanja f'Malta tkun mill-isbaħ, u tkun tista' tara l-kuntrast min-nixfa tas-sajf. Aħna u mexjin lejn Marsaxlokk, rajna kullimkien ħdura (fejn ma nbeniex, għax fin-nofsinhar ta' Malta mhumiex ħafna dawn il-postijiet). Ħasra wkoll li rajna xi miżbliet li ħassru x-xenarju tant sabiħ.*

*Wasalna Marsaxlokk għal xi 3pm. Minn hemm morna lejn darna biex inġibu l-irqad li konna tlifna filgħodu!*

*André Callus*

# Appuntament maċ-ċief!

**Ħa nagħmlu lejl f'Ta' Ċenċ ħalli nisimgħu ċ-ċief dieħel lejn il-bejtiet fl-irdum! Jekk ġejtu drabi oħra, żgur tridu terġgħu tiġu! U jekk qatt ma smajtu elf ċiefa twerżaq fid-dlam, mela qed titilfu esperjenza..!**




Data: **is-Sibt 2 Awwissu 2003**
Niltaqgħu: **3pm il-Belt fejn tal-ħalib** jew **4pm iċ-Ċirkewwa** jew **5pm l-iMġarr (Għawdex)**
Età: **FALKO 13+**
Ġibu: basket tad-daħar (għandna xi mixi, u basket f'idejkom jegħjikom), sanblokk, beritta, ilma, ikel u sleeping bag (jew kutra). Tinsewx flus għall-vapur. Min ġej iċempel l-uffiċċju (21347646) jew lil Justin (mob 79440104). Lura Malta 'l għada l-Ħadd 3 Awwissu.




# Lestu idejkom!

**Lejn l-aħħar ta' Awwissu se nżuru r-riserva ta' l-Għadira ħalli ngħinu ftit fix-xogħlijiet... u wara mmorru nagħmlu barbikju fil-bajja!**

karta riċiklata



# in-negozju fin-natura

Elisabeth Conrad

**Ħafna prodotti li nużaw jiġu minn pjanti u annimali li jkunu nqabdu f'artijiet oħrajn. Ħafna mediċini li nieħdu jkun fihom sustanzi minn pjanti tropikali. L-injam ta' xi għamara fi djarna seta' kien siġra fil-Brażil!**

## Mifrux mad-dinja

Il-kummerċ tan-natura li jsir mad-dinja huwa kbir ħafna u jiswa l-biljuni. Ħafna minn dan in-negozju huwa illegali. Wara d-drogi, it-traffikar tan-natura huwa l-ikbar negozju illegali fid-dinja!

Il-qbid ta' annimali u pjanti mis-selvaġġ huwa problema kbira għall-ambjent. Spiss jinqabdu iktar annimali milli n-natura tkun tiflaħ - dan mhux biss jhedded l-ispeċi li jinqabdu, imma anke l-ekosistemi li jgħixu fihom. In-natura hija bħal xibka - l-ispeċi jiddependi minn xulxin.

## Għall-mediċina...

Ħafna kulturi jużaw pjanti u annimali bħala mediċina tradizzjonali. Fl-Asja ħafna jemmnu li l-partijiet tat-tigra għandhom benefiċċji għas-saħħa. Fl-Afrika wkoll l-użu ta' mediċini min-natura huwa komuni ħafna. Anke fl-Ewropa l-użu ta' mediċini tradizzjonali żdied ħafna f'dawn l-aħħar snin.

## Għall-ikel...

F'ħafna pajjiżi n-natura selvaġġa hija sors essenzjali ta' ikel, kultant l-uniku sors! Industriji kbar jiddependu mill-qbid ta' l-annimali, fosthom is-sajd! Il-piż fuq ir-riżors jaf ikun tremend, u xi industriji tas-sajd madwar id-dinja diġà fallew għax qabdu wisq ħut. Fil-pajjiżi li jistadu mill-Baħar Kaspju, per eżempju, il-qabda legali ta' storjun (il-ħuta li tbid il-kavjar) illum qiegħda 1/10 ta' dik li kienet 30 sena ilu. Imma l-qbid illegali ta' din il-ħuta huwa 10 darbiet akbar minn dak legali!

## Għall-kapriċċi...

Barra mediċini u ikel, ħafna annimali u pjanti jinqabdu mis-selvaġġ biex isiru ornamenti, bħal qroll, orkidi, kaktus, iljunfanti (għan-nejbiet), rinoċeronti (għall-qarn).

Ħafna annimali oħrajn jinqabdu (b'moħqrija kbira) biex jeħdulhom il-ġild, il-qoxra jew il-fer tagħhom, bħal kukkudrilli, sriep, fkieren, foki, volpi, nemes, leopardi, tigri, kamoxx.

Negozju kbir ieħor huwa f'annimali li jinqabdu ħajjin biex jinbiegħu bħala pets, eż. igwani, sriep, pappagalli, ħut tropikali, skwirils, xadini, lemuri, salamandri, brimb u għasafar ta' l-għana. Hawn Malta daħlet ġmielha did-drawwa ta' annimali eżotiċi.

Xi siġar tropikali bħal kewba, iroko u sapele, jnqatgħu biex isiru għamara. Dawn saru siġar rarissmi! Ma ninsewx ukoll li hawn min hu ffissat bil-kollezzjonijiet. Dan joħloq suq għall-qbid ta' miljuni ta' għasafar (inluż il-bajd tagħhom), friefet ecċ għall-ibbalzmar.

Dan it-traffikar wassal għall-qerda ta' ħafna speċi. Il-Honduran mahogany u Caribbean mahogany (żewġ tipi ta' kewba) spiċċaw mis-suq għax is-siġar saru rari wisq. Il-giant pitcher plant, pjanta li nġabret ħafna għat-tiżjin, kważi nqerdet għal kollox.

## Viva s-CITES!

Imma hemm ukoll is-suċċessi. Fl-1975 twaqqfet il-Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Fauna and Flora (CITES - tinqara *sajtis*) biex tirregola l-kummerċ internazzjonali f'madwar 25,000 speċi ta' pjanti u 5000 speċi ta' annimali b'sistema ta' permessi u ċertifikati. Malta hija waħda minn 160 pajjiż firmatarju tas-CITES. Dan ifisser li kull annimal jew pjanta (jew partijiet minnhom) li jiddaħħlu Malta u li qegħdin fuq il-listi tas-CITES suppost ikollhom id-dokumenti meħtieġa.

L-aħbar tajba hija li minn mindu twaqqfet is-CITES, ebda speċi mniżżla fil-listi tagħha s'issa ma nqerdet. Li ma kinitx għas-CITES, per eżempju, kieku llum l-iljunfant Afrikan u r-rinoċeronti huma diġà memorja!

**Sib aktar fuq www.cites.org**

Matthew Borg Cardona

# il-farfett tal-Kromb



Il-farfett tal-kromb (small white, *Artogeia rapae*) huwa mill-familja Pieridae u huwa komuni ħafna f'Malta.

Il-ġwienaħ ta' dal-farfett huma bojod b'naqra iswed. Ir-raġel għandu tikka sewda waħda mal-ġwienaħ u naqra iswed fuq il-ġenb, u l-mara għandha żewġ tikki suwed.

Il-mara tbid il-bajd taħt il-weraq tal-kaboċċi jew nasturzjum. Il-bajd għall-ewwel ikun abjad, imma meta jkunu se jfaqqsu jsiru oranġjo. Il mara tbid xi 200 bajda. Ix-xagħat huwa aħdar, għall-ewwel ikun 2mm imma jikber sa 30mm. Huwa u jikber ibiddel il-ġilda ħames darbiet. Ix-xagħat kbir ikollu linja safra u tikek sofor mal-ġenb. Ix-xgħat iż-żgħar jieklu n-naħa ta' isfel tal-werqa, u l-kbar jieklu min-naħa ta' fuq u mal-vina tal-werqa!

Il-pupa tkun 15mm, u fil-bidu tkun ħadra, imma mbagħad issir kannella. Ftit qabel ma jkun ħa joħroġ il-farfett, il-ġwienaħ ikunu jidhru mill-qoxra tal-pupa.

Biex minn bajda ssir farfett jgħaddu xi sitt ġimgħat imma jiddependi ħafna mit-temperatura.



xagħat

bajda

pupa



Victor Falzon

Dar-rundun kien sejjer lura f'art twelidu biex forsi jibni bejta u jrabbi familja. Imma kaċċatur Malti deherlu li ħajtu għandha tispiċċa. Taħ tir u qatlu!



## Skandli ambjentali

Għażiż Editur,

Waqt passiġġata f'Għajn Riħana rajna qabda ġuvintur kaċċaturi fis-sakra jisparaw fuq kull ħuttafa li bdew jaraw.

Darb'oħra f'Buġibba, aħna u nfittxu xi kreaturi tal-baħar, rajna siċċ mejjet maqbud fl-iskart tal-plastik. Ma' dan l-iskart kien hemm ukoll invażjoni ta' bram.

Aħna nissuġġerixxu li qabel jibda s-sajf għandha ssir kampanja sħiħa biex in-nies ma jarmux skart fil-baħar, għax barra li hu ta' detriment għas-saħħa ta' dawk li jgħumu, jeqred ħafna kreaturi tal-baħar.

Nisperaw li din l-ittra tista' kun ta' ġid għall-ambjent Malti.

**Juan** u **Alan Ellul Pirotta**
Naxxar

*Għeżież Juan u Alan,*

*Meta nisma' b'dawn l-affarijiet insewwed qalbi, għax niftakar kemm għad hawn nies li għadhom ma tgħallmux ikunu ġentili man-natura.*

*Nies? X'jien ngħid! Għax biex toqtol ħuttafa (jew kwalinkwe annimal ieħor) għall-gost trid tkun assolutament bla qalb, bla moħħ u lanqas biss jixraqlek tissejjaħ bniedem!*

*Komplu stinkaw, u fejn tistgħu ħudu ritratti ta' dawn l-affarijiet li taraw, imbagħad ibagħtuhomlna ħalli nippublikawhom. Xejn xejn dawn id-dnubiet ambjentali inkomplu nikxfuhom.*

*L-Editur*



Kontu tafu li 80% tal-prodotti tal-biedja jiddakkru mill-insetti! Fi kliem ieħor mingħajr insetti l-Pitkali jkollu jagħlaq!



## inkredibbli

*Jason Aloisio*

L-iktar għasfur li jqatta' ħin itir huwa r-rundun (common swift). Huwa kapaċi jiekol, jixrob u anke jorqod fl-ajru. Ferħ tar-rundun jieħu minn sentejn sa tlieta biex ibejjet għall-ewwel darba. Aktarx li f'dawn is-snin huwa qatt ma jieqaf itir!

mur aqbad ktieb

## A Question of Green

kitba ta' **Steve Skidmore**
Hodder & Stoughton 1991




Tixtieq tara kemm inti u sħabek tafu dwar l-ambjent? Titħajjar torganizza xi kwiżż fil-klassi jew fl-iskola? Jekk iva, dan huwa l-ktieb għalik! Wieġeb il-mistoqsijiet u mbagħad aqra t-tagħrif interessanti li ssib fi tmiem kull kapitlu. Meta tkun taf il-fatti, tkun tista' tuża moħħok u mhux temmen dak li jridu jbellgħulna nies li ma jinteressahom xejn mill-ħsara li qed issir lid-dinja. Għalkemm dan il-ktieb jittratta suġġetti serji, huwa mżewwaq b'salt kartuns li jġegħluk titbissem. Issib ukoll lista ta' indirizzi ta' għaqdiet internazzjonali li jaħdmu għall-ambjent biex jekk tkun trid iktar tagħrif tkun tista' tiktbilhom.

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb tista' ssibu fil-Librerija Publika tal-Furjana*




## Skużawna

**Nitolbu lill-membri ġodda jiskużawna jekk ma rċivewx il-beġġ tal-Klabb. Dan għaliex il-magna tħassritilna u sfortunatament ma tistax tissewwa!**

**żur il-websajt tagħna...**
**www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**






Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________ postcode ______

Data tat-twelid ______________ Telefon ______________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________ postcode ______

Membership number ______________ Telefon ______________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**



















# 6 kartolini ġodda u did-darba mhux għasafar biss!

**Barra dawn għandna wkoll kartolini li juru**

• Pitirross • Ta' San Martin • Silfjun Ewropew • Sarsella • Kuluvert • Zakak Abjad • Gardell • Sponsun • Daqquqa tat-Toppu • Buċaqq tas-Silla • Bufula Passajra • Tal-Bejt • Kudirross Iswed • Żanżarell tat-Tikki • Ċuvett •

| | |
|---|---|
| 1 sa 5 cards | = +7c |
| 6 sa 10 cards | = +10c |
| 11 sa 15 cards | = +15c |
| 16 sa 20 cards | = +20c |

Kull kartolina tiswa 10ċ, u qegħdin għall-bejgħ mill-Għadira, mis-Simar jew miċ-ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex. Rati bil-posta fuq ix-xellug. Tibgħatx flus bil-posta, imma ħallas b'ċekk* jew f'bolli tas-7ċ mhux użati. Tinsix tinkludi l-indirizz tiegħek flimkien mal-ħlas, u ikteb liema kartolini trid. Kartolini huma 15ċm x 10.5ċm. Għal aktar tagħrif ċempel 21347646 Mon-Fri 9am-1pm

**pagabbli lil BirdLife Malta*